*- Garanzija għall-Penali, Danni u Imgħax wara Mandat Kawtelatorju -*

*- Artikolu 838A Kap. 12 -*

*- Dritt għall-Garanzija Newtralizzat bi Kreditu Avversarju -*

# QORTI ĊIVILI PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

**Illum 26 ta' Gunju 2019.**

**Fl-Atti tar-Rikors Guramentat nru 279/2019 RGM**

**Fl-ismijiet**

**Aspider Solutions Malta Limited (C-43663)**

**Vs.**

**Redtouch Fone Limited (C-44463)**

**Rikors Revoka Nru. 529/2019 RGM**

**Prezentat minn Redtouch Fone Limited fit-28 ta' Mejju 2019**

**Dwar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 369/19**

**Fl-ismijiet**

**Aspider Solutions Malta Limited (C-43663)**

**Vs.**

**Redtouch Fone Limited (C-44463)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Redtouch Solutions Malta Limited prezentat fit-28 ta' Mejju 2019 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 369/19 jigi revokat bis-sahha tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap. 12 kif ukoll sabiex il-Qorti timponi fuq is-sekwestranti penali skond l-Artikolu 836 (8) (b) (c) u (d) tal-Kap. 12.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Aspider Solutions Malta Limited tat-13 ta' Gunju 2019 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qed topponi ghar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Gunju 2019 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghad-19 ta' Gunju 2019.

Rat il-provi dokumentarji prezentati.

Rat l-atti tal-kawza rikors guramentat numru 279/19RGM pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Semghat lill-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2019 fejn halliet ir-rikors ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat;

**Fatti Antecedenti r-Rikors Revoka**.

Fl-14 ta' Marzu 2019 is-socjeta' Aspider Solutions Malta Limited intavolat kawza kontra s-socjeta' Redtouch Fone Limited fejn wara li ppremettiet illi bejn il-partijiet hemm ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008 is-socjeta' intrabtet illi tipprovdi servizzi li permezz taghhom is-socjeta' RedTouch Fone Limited setghat topera bhala entita li tipprovdi servizzi ta' telefonija; tallega li s-socjeta' konvenuta kisret dan il-ftehim meta itterminat l-istess b'mod unilaterali u mhux skond il-ftehim, u ghalhekk qed titlob lill-Qorti:-

1. Tiddikjara illi RedTouch Fone Limited kellha l-obbligu li ttermina s-servizzi fl-iskadenza ta' terminu u cioe' fil-25 ta' Ottubru 2019 u mhux fit-30 ta' Marzu 2019 u dan skond ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008;

2. Tiddikjara li RedTouch Fone Limited hija responsabbli sabiex thallas it-tariffi kollha li kienu jkunu dovuti skond Skeda B tal-ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008 ghaz-zmien bejn it-30 ta' Marzu 2019 u l-25 ta' Ottubru 2019;

3. Tordna lis-socjeta' RedTouch Fone Limited sabiex thallas lil Aspider Solutions Malta Limited it-tariffi kollha li kienu jkunu dovuti skond Skeda B tal-ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008 ghal zmien bejn it-30 ta' Marzu 2019 u l-25 ta' Ottubru 2019;

4. Tiddikjara ill RedTouch Fone Limited hija responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' Aspider Solutions Malta Limited minhabba nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi skond Klawsola 17.1.1 tal-ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008;

5. Tillikwida d-danni sofferti minhabba l-ksur ta' obbligi minn naha ta' RedTouch Fone Limited;

6. Tikkundanna lil RedTouch Fone Limited thallas lil Aspider Solutions Malta Limited d-danni u t-tariffi li huma dovuti skond ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008.

Is-socjeta' Redtouch Fone Limited qed tilqa' ghat-talbiet attrici b'risposta guramentata prezentata fid-29 ta' April 2018 ghar-ragunijiet hemm moghtija primarjament li hija mxiet mat-termini tal-kuntratt ta' bejn il-partijietu ghalhekk ma hiex responsabbli ghall-hlas tad-danni reklamati.

Fl-20 ta' Marzu 2019 is-socjeta' Aspider Solutions Malta Limited ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghas-somma ta' mitjen, tlieta u sittin elf, erba' mija u tlieta u sebghin ewro (€263,473) deskritti fil-mandat bhala 'rapprezentanti service charges fl-ammont ta' €107,690 dovuti skond kuntratt tal-25 ta' Ottubru 2008 u gie terminat qabel l-iskadenza skond klawsola 16.1.2 u 16.1.3 tal-istess kif ukoll l-ammont ta' €155,783 bhala telf ta' rikavat ta' airtime minhabba ksur tal-obbligi kontrattwali tal-istess liema ammonti qed jigu kalkolati a fini ta' dan il-mandat u bla pregudizzju ghal eventwali likwidazzjoni liema pretensjoni giet dedotta f'rikors guramentat fl-istess ismijiet no 279/19RGM.'

Is-socjeta' Redtouch Fone Limited tikkontendi illi l-mandat ghandu jigi revokat ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Is-socjeta' sekwestranti "qatt ma talbet lis-socjeta' sekwestrata sabiex din thallas dak dovut bhala fixed charges skond il-kuntratt tal-25 ta' Ottubru 2018, la b'mod verbali u wisq anqas bil-miktub;

2. Is-socjeta sekwestrata kienet minn qabel gie intavolat is-sekwestru disposta li thallas dak minnha dovut ai termini tal-kuntratt. Hawn is-socjeta' sekwestrata qed tirreferi ghall-ammont dovut bhala fixed charges.

3. Is-socjeta' sekwestranti stess itterminat il-kuntratt permezz ta' ittra datata 18 ta' Jannar 2019 u ghalhekk it-talba ghall-hlas tas-somma ta' €155,783 bhala telf ta' rikavat ta' airtime hija infondata fil-fatt u fid-dritt gialadarba kienet l-istess socjeta' sekwestranti li tterminat il-kuntratt u ghalhekk issa ma tistax titlob danni.

4. Is-somma ta' €155,783 hija somma eccessiva bhala telf ta' rikavat ta' airtime "sakemm ma jigix ippruvat b'mod dettaljat u metikoluz kif is-socjeta' sekwestranta waslet ghal din is-somma."

Ikkunsidrat;

**Ezami *Prima Facie*.**

In tema legali appena huwa necessarju jigi sottolineat illi fi proceduri ta' din ix-xorta l-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa wiehed ta' *prima facie.* Ezami *prima facie* ma hux ekwivalenti ghal ezami superfluwu jew legger izda ghandu jkun ezami bazat fuq dak li jirrizulta facilment minghajr il-htiega ta' hafna provi, approfondimenti u analizi li posthom huwa fil-process gudizzjarju solenni li jitratta u jiddeciedi definittivament il-mertu tal-konflitt ta' bejn il-partijiet. Din ormai hija gurisprudenza kostanti u assodata kif jirrizulta mis-segwenti.

Fi provvediment moghti mill-**Qorti tal-Appell** fil-25 ta' Novembru 2016 f'rikors revoka nru 12/11 fir-rigward ta' zewg mandati kawtelatorji fl-

ismijiet "**Grazio sive Horace Cachia vs Agostino Carbone et.**" intqal dan li gej fir-rigwawrd:-

"Ikknsidrat illi fi proceduri ta' din ix-xorta, l-ezami li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa limitat, ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi skrutinju profond u dettaljat tal-vertenza jibqa' essenzjalment rizervat ghall-proceduri fil-mertu quddiem il-Qorti adita bil-kawza. Kif kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti, fid-decizjoni taghha tal-24 ta' April, 2015, fil-kawza fl-ismijiet Zealand Holdings Inc. v. Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V. registrat fl-Olanda, f'dawn ilproceduri, din il-Qorti, ovvjament, ma tistax u mhijiex se tidhol biex tezamina l-pretensjonijiet fil-mertu taz-zewg nahat. Il-mandati kawtelatorji jinhargu fuq responsabbilta` ta' min jitlob il-hrug taghhom, u d-dritt ta' dak li jkun li jitlob il-hrug ta' mandati simili, biex jikkawtela lpretensjonijiet tieghu, m'ghandux jigi mxekkel ingustament. Del resto, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Chetcuti v. Chetcuti, deciza fis-27 ta' Gunju 2002: "Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma lmertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu talkawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".

Fuq l-istess linja ta' hsieb huwa s-segwenti **Provvediment moghti fl-10 ta' Awissu 2012 fir-rikors nru 688/12 PA/JRM fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12JRM fl-ismijiet "Jamar Malta Limited vs Office Group Limited.:-**

"Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel

jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu blebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova filmertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru."

Gie ritentu illi "Fi procedura ta` din ix-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi l-qorti li tkun addita mill-procediment ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li ghad trid tkun deciza minnha stess fil-waqt opportun wara li jkunu nstemghu l-provi kollha. Ghalhekk fi procedura ta` din ix-xorta, qorti ghandha tirrezisti u ma taghmel ebda konsiderazzjoni tal-mertu izda ghandha tillimita ruhha ghal ezami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ggib il-parti li tkun qeghda titlob irrevoka in toto jew in parte tal-Mandat. Dan propju ghaliex il-procediment huwa distint mill-kawza dwar il-mertu. Kif ukoll ghaliex il-gudikant li jkun ser jipprovdi dwar it-talba ghar-revoka tal-mandat se jkun l-istess gudikant li jkun ser jiddeciedi l-kawza fil-mertu" (Provvediment moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) fl-4 ta' Settembru 2018 fl-atti tar-Rik.Gur. 647/17JZM u fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 1944/17 fl-ismijiet **Boutique Properties Ltd vs Polygon International Group Ltd**).

Ikkunsidrat;

Is-socjeta' sekwestrata issejjes it-talba taghha ghar-revoka tal-mandat fuq l-**Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi kif gej:-

.

***(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minn u, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:-***

***- omissis -***

***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew***

***- omissis -***

***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."***

Ikkunsidrat;

**<u>Artikolu 836 (1) (d):</u>**

**Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv**.

Huwa evidenti illi sabiex talba ghar-revoka tirnexxi taht din il-kappa jehtieg illi mad-daqqa t'ghajn, u mhux wara is-smiegh ta' provi estensivi u trattazzjonijiet approfonditi, jirrizulta li l-ammont mhux gustifikat jew li l-ammont huwa eccessiv. Ghalhekk is-sub inciz jaghmel referenza ghal kliem 'prima facie'. In tema legali ssir referenza ghall-provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2005 wara r-rikors fl-ismijiet '**Theresa Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart** rik nru 336/05 fejn inghad : "Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`ghajn bhala wiehed maghmul b`mod azzardat"

Fil-kaz odjern is-socjeta' sekwestrata tilmenta li ma tafx kif is-socjeta' sekwestranti waslet ghas-somma ta' €263,473.

Mar-risposta prezentata mis-socjeta' Aspider Solutions Malta Ltd fit-13 ta' Gunju 2019 gie anness dokument markat Dok. A konsistenti fi prospett dwar l-ammonti pretizi mis-socjeta' sekwestranti. Din ta' l-ahhar tispjega illi s-somma ta' €107,690 tirraprezenta 'fixed charges' skond il-kuntratt ta' bejn il-partijiet filwaqt li s-somma ta' €155,783 tirraprezenta rikavat ta' airtime li kien jibqa' jigi ricevut mis-sekwestranti kieku s-sekwestrata ma tterminatx il-ftehim.

**Fumus Boni Juris**.

Il-Qorti mhiex ser tiddelibera dwar min ghandu ragun sew fir-rigward jekk is-socjeta' sekwestrata kelliex dritt tittermina l-kuntratt qabel Ottubru2019 u lanqas dwar il-metodu adoperat mis-socjeta' sekwestranti sabiex waslet ghac-cifra li qed tirreklama. Ma jirrizultax lill-Qorti li l-ammont reklamat

huwa "prima facie mhux gustifikat". Dwar jekk hux gustifikat jew le huwa l-mertu tal-kawza u ser jigi trattat u deciz fil-kawza u mhux f'din il-procedura. F'rikors ghal revoka ta' mandat fuq il-pretest li l-ammont huwa prima facie mhux gustifikat jew esagerat il-Qorti trid tistrieh biss fuq ezami prima facie tal-pretensjoniijiet reciproci bl-iskop li fejn jkun jidher mad-daqqa t'ghajn li l-mandat inhareg meta jkun evidenti li l-ammont mitlub ma hux gustifikat tali mandat jitnehha qabel l-ezitu finali tal-kawza. Dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa t'ghajn is-socjeta' sekwestranti ghandiex bazi ta' pretensjoni, "*fumus boni juris".*

Fil-kaz odjern is-socjeta' sekwestranti tat spjegazzjoni sal-grad tal-prima facie, ghax dak li hu rikjest fil-procedura odjerna, sew tal-ammont minnha reklamat kif ukoll ta' kif waslet ghal dak l-ammont. Issa jekk ghandiex ragun fid-dawl tal-eccezzjonijiet imressqa fil-kawza mis-socjeta' sekwestrata hija kwistjoni ohra. Ghalhekk fil-kaz odjern il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma qed tesprimi ruhha dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici, hi tal-fehma illi s-socjeta' sekwestranti ghandha pretensjonijiet kawtelabbli li ma jikwalifkawx "la prima facie mhux gustifikabbli" u "lanqas prima facie eccessivi".

Ghalhekk tqis illi in kwantu t-talba ghar-revoka hija msejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (d), tali talba mhiex fondata u qed tigi respinta.

**<u>Artikolu 836 (1) (f):</u>**

**Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gusitifikabbli.**

“Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami (Art 836 (1) (f) ) timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-

sehh ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et" . Din it-tifsira tohrog mill-kliem “jinzamm” u “aktar mehtieg” li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z- zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz;" ( ‘**Spiteri v Darmanin’** PA - provvediment moghti fil-25 ta` Awwissu 2010 ).

Fid-digriet li nghata fl-4 ta` Frar 2016 fir-Rikors Nru. 1139/2015 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet **Steven Pace et vs. Paul Camilleri et** inghad illi : "biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo."

Fil-kaz odjern l-ebda bdil fic-cirkostanzi ma qed jigi allegat u ghalhekk huwa car li s-sub inciz (1) (f) ma hux applikabbli ghar-rikors in dizamina.

Konsegwentement in kwantu t-talba hija msejsa fuq l-Artikolu 836 (1(f) qed tigi respinta.

**Artikolu 836 (8) - Penali**

Dan is-sub inciz jipprovdi illi l-Qorti tista' tikkundanna rikorrent li fuq talba tieghu ikun inhareg mandat kawtelatorju ghal penali ta' bejn €1,164.69 u €6,988.12 f'erba cirkostanzi. Fil-kaz odjern ir-rikorrent qed jiccita ic-cirkostanzi kontemplati taht is-sub incizi (b), (c) u (d). Huwa bizzejjed ghal imposizzjoni tal-penali jekk tirrizulta cirkostanza wahda minnhom.

**Artikolu 836 (8):-**

"Il-qorti tista’ tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta’ mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef

disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

- omissis -

(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja. "

In tema legali ssir referenza ghall-provvediment moghti mill-Prim' Awla fl-10 ta` Awissu 2012 dwar **rikors revoka numru 688/2012 JRM** fl-ismijiet '**Jamar Malta Limited vs Office Group Limited'** :-

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi izda

bizzejjed li tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista’ taccetta li tqis it-talba ghallkundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista’ biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f’kazijiet estremi fejn is-sens ta’ gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta’ ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta’ fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b’abbuz ;”

Minn qari tal-Artikolu tal-ligi rilevanti johrog illi il-fatt li ma jirrizultawx l-estremi ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju ma jsegwix illi t-talba ai termini tal-Artikolu 836 (8) hija destinata li per forza tfalli.

**Dwar sub-inciz (8) (b):-**

Is-socjeta' sekwestrata tilmenta illi s-socjeta' sekwestranti naqset milli fi zmien hmistax-il jum qabel intavolat ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hija qatt ma talbet lis-socjeta' esponenti sabiex thallas l-ammont minnha reklamat fir-rikors ghas-sekwestru kawtelatorju. Tilmenta wkoll illi s-socjeta sekwestranti ma talbitix tipprovdi sigurta' ghall-pretensjoni taghha. Is-socjeta' sekwestrata tirreferi ghall-ittra ufficjali numru 691/19 ipprezentata mis-socjeta' sekwestranti fit-22 ta' Frar 2019 u tikkontendi li din ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex giet prezentata anqas minn 15-il gurnata qabel gie intavolat ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Tikkontendi wkoll illi s-socjeta' sekwestrata ma rceviet ebda interpellazzjoni ghall-hlas tal-ammont li eventwalment gie inkluz fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina.

Tajjeb ghalhekk tigi ezaminata l-ittra ufficjali prezentata fit-22 ta' Frar 2019.[1] F'dik l-ittra ufficjali s-socjeta' sekwestranti irreferit ghall-ittra ufficjali tas-socjeta' sekwestrata tat-30 ta' Marzu 2019 u b'risposta irriteniet illi l-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien jiddekorri sa Ottubru 2019 nonostante li kien gie unilateralment terminat mis-sekwestrata kif fuq spjegat. Jinghad hekk: "Jekk dan ma jsirx inti qeghda tesponi ruhhek ghad danni fil-konfront tal-mittenti.....Jekk inti tippersisti fit-twaqqif tas-servizz, il-mittenti ser izommok responsabbli ghad-danni li jistghu jammontaw ghal mijiet ta' eluf ta' Ewro u ghalhekk qeghda tavza sabiex toqghod ma' l-obbligi kuntrattwali tieghek. Fin-nuqqas li taghmel dan il-mittenti ma jkollhiex triq ohra hlief li tipprocedi kontrik, inkluz bil-mndati ta' sekwestru."

Fl-ittra ufficjali b'risposta tal-15 t' Marzu 2019 pprezentata mis-socjeta' sekwestrata hija tirrespingi l-pretensjonijiet ghad-danni, tishaq li l-pretensjonijiet fil-konfront taghha huma infondati u min-naha taghha zzomm lis-socjeta' sekwestranti responsabbli ghad-danni.

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li fl-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2019 hemm indikat li d-danni jistghu jitilghu ghall-mijiet ta' eluf ta' ewro u li b'kawtela kien ser jigi prezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju jissodisfa l-vot tal-ligi kif dispost fis-sub inciz (8) (b). Il-Qorti tasal ghall-din il-konkluzzjoni tenut kont illi ghall-finijiet ta' dan is-sub inciz interpellazzjoni tista' wkoll issir bil-fomm. Il-fatt li fl-ittra ufficjali ma hemmx ammont likwidat izda indikazzjoni li d-danni eventwalment pretizi ser ilahhqu l-mijiet ta' eluf ta' ewro hija ekwivalenti ghal interpellanza biex is-socjeta sekwestrata tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni pretizi. Mill-kontenut tal-ittra ufficjali b'risposta datata 15 ta' Marzu 2019 huwa evidenti illi l-mittenti f'dik l-ittra ufficjali ma kenitx qed tikkonsidra li toffri garanzija alternattiva ghall-eventwali mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Dan hu konfermat mill-fatt illi tali talba mhiex lanqas issir fir-rikors revoka in dizamina.

[1] Fol. 98

Ghalhekk il-pretensjoni tar-rikorrenti fit-termini tas-sub inciz (8) (b) qed tigi respinta.

**Dwar sub-inciz (8) (c): -**

Fir-rigward ta' dan is-sub inciz is-socjeta' sekwestrata tissottometti illi hija dejjem onorat l-obbligi finanzjarji taghha fil-konfront tas-socjeta' sekwestranti. Tinsisti illi kien maghruf lis-socjeta' sekwestranti illi s-socjeta sekwestrata "rceviet offerta finanzjarja minghand terza persuna ghall-akkwist tal-klijenti taghha" liema offerta kienet ikkomunikata lis-socjeta' sekwestranti ai termini tal-kuntratt. Ghalhekk issostni li s-socjeta' sekwestranti kienet taf li l-qaghda finanzjarja taghha kienet wahda affidabbli.

Is-socjeta' sekwestranti tilqa' ghal dan billi tissottometti illi l-pagamenti dovuti ghas-servizz moghti minnha fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2019 kienu ghadhom pendenti. Tikkontendi ghalhekk illi ma kenitx maghrufa sewwa l-qaghda finanzjarja tas-socjeta' sekwestrata u l-kapacita' taghha li thallas l-ammonti pretizi.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li s-socjeta' sekwestrata kienet f'negozjati sabiex tikkonkludi kuntratt ma' terzi li kien ser iwassal ghall-influs ta' finanzi f'idejha ma jistax wahdu jitqies li jinnewtralizza id-dritt tas-socjeta' sekwestranti li tikkawtela l-pretensjoni taghha. Apparti li ma ngabet l-ebda prova li gie konkluz ftehim ma' terzi, is-socjeta' ezekutata ma resqet l-ebda prova illi c-cirkostanzi taghha kienu tali li ma jaghtux lok ghal dubju ragonevoli dwar il-kapacita' finanzjarja taghha li jirrendu l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju inutili. Kienet tkun sitwazzjoni ben diversa kieku socjeta' sekwestrata offriet garanzija alternativa. Il-fatt li s-sekwestru kawtelatorju wassal li tigi sekwestrata s-somma ta' ghaxart elef, erba' mija u hamsa u sebghin ewro u hames centezmi (€10,475.05)[2] juri illi l-ammont

[2] Ara ittra datata 10 ta' April 2019 tal-HSBC Bank Malta p.l.c. fl-atti tas-sekwestru nru 369/19

effettivament sekwestrat f'idejn il-banek huwa ferm 'il boghod mill-ammont indikat fis-sekwestru kawtelatorju de quo.

Ghalhekk il-pretensjoni tar-rikorrenti fit-termini tas-sub inciz (8) (c) qed tigi respinta.

**Dwar sub-inciz (8) (d): -**

Is-socjeta' sekwestranti issostni illi it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru de quo, jew parti minnu, saret b'mod malizzjuz, frivolu u vessatorju.

Sabiex talba ai termini ta' dan is-sub inciz tirnexxi jehtieg li jigi ppruvat illi l-iskop tal-mandat kawtelatorju ma hux sabiex jitqieghed fiz-zgur kreditu pretiz izda sabiex is-sekwestrat jitpogga dahru mal-hajt bl-iskop ahhari li jithallas dak li manifestament ma hux dovut. Il-vot tal-ligi fir-rigward jigi wkoll sodisfatt jekk jigi sodisfacentment ippruvat li l-iskop uniku tal-att kawtelatorju kien biex idejjaq u jivvessa lis-sekwestrat u jaghmel pressjoni illecita u abbuziva.

Konsiderati l-provi kollha mressqa u s-sottomissjonijiet kollha maghmula il-Qorti tqis li s-socjeta' sekwestrata ma sehhiliex turi b'mod sodisfacenti illi l-hrug tal-mandat intalab b'hazen jew b'malizzja jew li huwa frivolu u vessatorju.

**Artikolu 838A tal-Kap 12**.

Is-socjeta' sekestrata rikorrenti titlob illi jekk il-Qorti ssib li s-socjeta' sekwestranti agixxiet in mala fede, b'mod frivolu jew malizzjuz, il-Qorti ghandha timponi fuq is-sekwestranti garanzija ai termini tal-**Artikolu 838A tal-Kap. 12** li jipprovdi illi "Il-qorti tista', meta tintwera <u>kawża ġusta</u> għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att

kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju." (sottolinear tal-Qorti).

Dan l-artikolu jipprovdi mezz ta' kawtela lil min jintlaqat bil-hrug ta' mandat kawtelatorju sabiex jekk 'il quddiem jirrizulta li ghandu dritt ghall-hlas ta' penali u/ jew ta' danni u imghax isib fuq x'xhiex jezegwixxi sabiex jithallas tali pendali u/jew danni. Il-ligi pero' ma tatx definizzjoni ta' x'jikwalifika bhala "kawza gusta".  Gie ritenut per ezempju bhala kawza gusta il-fatt li s-sekwestranti kienet socjeta' estera minghajr ebda assi f'Malta.[3]

"Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li fil-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ Mandat ma jitqiesx bħala "kawża tajba" għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-Artikolu 838A, il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat Kawtelatorju tkun qiegħda ġġarrab danni minħabba dan il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsa fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."
[**Darmanin vs Cachia** - Prim' Awla  -  31 ta ' Lulju 2007].

Fil-kaz odjern is-socjeta' sekwestranti qed tikkawtela s-somma ta' mitejn, tlieta u sittin elf, erba' mija u tlieta u sebghin ewro (€263,473) deskritti fil-mandat bhala 'rapprezentanti service charges fl-ammont ta' €107,690 kif ukoll l-ammont ta' €155,783 bhala telf ta' rikavat ta' airtime minhabba ksur tal-obbligi kontrattwali tal-istess.  Jirrizulta anke min-nota prezentata fl-20 ta' Gunju 2019 mis-socjeta' sekwestranti illi dak li qed tippretendi minghand is-sekwestrata huwa l-ammont shih daqs li kieku hija min-naha taghha ser thallas lill-Vodafone dak kollu dovut daqs li kieku is-servizz ghadu qed

[3] Rikors Revoka fl-atti tal-kawza **BT Prime Ltd vs FXDD Malta Ltd** [nru 476/19LSO] - digriet moghti fl-20 ta' Gunju 2019:  "Ghalhekk, jidher illi l-legislatur donnu ried ihalli f'idejn il-Qrati sabiex, on a case by case basis, il-Qrati jkunu jistghu jidderminaw dwar l-ezistenza o meno ta' kawza gusta."

jinghata. Pero' dwar x'ammont hija tenuta thallas lil Vodafone is-socjeta' sekwestranti ma tat l-ebda hjiel nonostante li kellha kull opportunita' taghmel dan.

Huwa minnu li f'dan l-istadju l-ezami jsir fuq livell ta' prima facie, pero' is-socjeta' Aspider Solutions Malta Ltd ghadha ma resqet l-ebda prova sabiex turi li nonostante li s-servizz lil Redtouch Fone Limited mhux ser jitkompla, xorta wahda hija tenuta thallas lil Vodafone l-ammont shih daqs li kieku s-servizz inghata xorta wahda. Fis-smiegh quddiem din il-Qorti l-Avukat tas-socjeta' sekwestranti, meta gie sabiex jirribatti s-sottomissjoni tal-Avukat tal-parti l-ohra illi d-danni ma jistghux ikunu daqs ir-rikavat kollu tenut kont li huwa prezunt li parti sostanzjali mir-rikavat kien jithallas lil Vodafone, huwa irrisponda illi fic-cirkostanzi attwali ghadu mhux maghruf x'posizzjoni ser tiehu l-Vodafone. Dan qed jinghad ghaliex jekk jirrizulta fil-kors tal-kawza illi l-ammont li originarjament kien jithallas minnha lil Vodafone mhux dovut, jew huwa sostanzjalment anqas, allura d-danni reklamati mis-socjeta' sekwestranti prima facie jigu presumibilment ridotti.

Il-Qorti, filwaqt li xorta tqis tali pretensjoni bhala wahda li timmerita kawtela, tqis tali sitwazzjoni bhala raguni gusta sabiex b'applikazzjoni tal-artikolu 838A tordna lis-socjeta' sekwestranti taghti garanzija xierqa ghall-eventwali penali, danni u imghax.

Pero' irrizulta wkoll *ex admissis* mis-socjeta' sekwestrata li hemm dovut minnha ammont sostanzjali lis-socjeta' sekwestranti u li sa issa ma thallasx minghajr apparentement raguni valida. Ma jirrizultax li tali ammont ma thallasx minhabba l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Ghalhekk filwaqt li l-Qorti irriskontrat l-estremi ta' "kawza gusta" ghal ordni ta' ghoti ta' garanzija xierqa ghall-penali, danni u imghax, almenu relatati mal-pretensjoni tas-socjeta' sekwestranti li tirrigwarda "telf ta' rikavat ta' airtime"; fl-istess hin tqis illi l-ammont dovut lis-sekwestranti li ma mhux kontestat u li s-socjeta' sekwestrata qed izzomm minghajr apparentement raguni valida, ghandu jaghmel tajjeb minflok il-garanzija xierqa kontemplata fl-artikolu 838A tal-Kap. 12.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad it-talbiet imressqa mis-socjeta' Redtouch Fone Limited bir-rikors taghha tat-28 ta' Mejju 2019.

Bl-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu rizervati ghas-sentenza finali fil-mertu fil-kawza fl-ismijiet premessi pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta bejn l-istess partijiet bin-numru 279/2019 RGM

**Moghti kameralment illum 26 ta' Gunju 2019.**

**Onor Imhallef Robert G Mangion**